MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Numru. 31/2004

**Il-Pulizija**

**Spettur Joseph Cordina**

**V**

**MARTIN FARRUGIA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARTIN FARRUGIA** ta' wiehed w erbghin sena bin George u Ewkarista nee Vella, imwieled Victoria, Ghawdex nhar l-ghaxra ta' Novembru 1961 u residenti 45, Triq Palma, Victoria, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 51561G, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fid-disgha w ghoxrin ta' April 2004, f'Victoria, Ghawdex:

1. xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc merkanzija u cioe DVD’s b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq;

2. Talli fl-istess cirkostanzi, bi qligh, jew ghal skop ta' kummerc, stampa, mmanifattura, dduplika, jew mod iehor irriproduca jew ikkopja jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, DVD’s jew xi haga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra u protetti bil-ligi ta' Malta;

3. Talli fl-istess cirkostanzi, bi qligh, jew ghat-tqassim, jew ghal wiri f’post pubbliku jew f’post accessibli ghal pubbliku, mmanifattura, stampa, jew xort’ohra ghamel, jew dahhal f’Malta jew akkista, zamm, iccirkola, jew esporta xi stampat, tpingija, ritratt, film, ktieb, kartolina jew kitba pornografika jew oxxena, jew xi oggett iehor. ikun li jkun, pornografiku jew oxxen, kemm jekk jixbah lil dawn ta’ hawn, fuq kemm jekk le,

4. Talli fl-istess cirkostanzi, innegozja f’xi oggett pornografiku imsemmi hawn fuq, wkoll jekk dan in-negozju sar bil-mohbi, jew qassam, xi oggett bhal dak jew wera xi oggett bhal dak fil-pubbliku jew f’post accessibbli ghal pubbliku u cioe numru ta’ DVD’s pornografici.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lil hati ghal hlas tal-ispejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti f’dawn il-proceduri ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna wkoll l-konfiska tal-oggetti esibiti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat tmintax ta’ Mejju 2005 esibit a fol 8 tal-atti, sabiex fin-nuqqas t’oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u dan kif jirrizulta a fol 14 tal-atti u cioe meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar t-tletin ta’ Settembru 2004.

Rat il-kwerela u l-prokura esibiti minn Dottor Patrick Galea fis-seduta tat-tletin ta’ Settembru 2004 [fol 12 et seq].

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta ta’ l-ewwel ta’ Gunju 2006 kif jirrizulta a fol 137 tal-atti u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Rat r-relazzjoni tal-espert tekniku Martin Bajada esibita fl-atti w immarkata bhala dokument MB [fol 89], fejn ikkonferma li t-tlett mija erbgha w tmenin DVD’s esibiti mill-prosekuzzjoni huma kollha kopja .

Rat il-fedina penali tal-imputat kif esibita a fol 5 tal-atti markata bhala dokument ‘J’ u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi f’sebgha okkazzjonijiet meta nstab hati fuq akkuzi ta’ ngurja u theddid fuq ufficjal pubbliku, serq ta’ kurrent elettriku, pussess ta’ cannabis, ikkupjar ta’ materjal bi skop ta’ kummerc fejn gie kkundannat ihallas multi u anke prigunerija.

**Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 298(1)(f), 298B(1), 208(1)(2) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u**

**tiddikjara li issib lill-imputat MARTIN FARRUGIA hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu fuq ammissjoni tieghu stess, u tiddecidi li tikkundanah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' sitt mitt lira maltin [LM600]** li bl-applikazzjoni tal-artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghandha tithallas f'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin lira maltin.  Fin-nuqqas li l-imputat jhallas pagament wiehed, awtomatikament il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hames liri dovuta**.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni biex tikkundanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-periti nominati fl-inkjesta ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti rat illi kien gie nominat Martin Bajada bhala espert tekniku w ghaldaqstant tordna lil imputat ihallas lid-Direttur tal-Qorti s-somma ta' mija tmienja w sebghin lira u tlieta w tletin centezmu [LM178.33] fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Ghawdex ghal dan l-ghan.**

**Tordna wkoll ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li l-oggetti kollha li gew esibiti mill-Ispettur Joseph Cordina nhar t-tletin ta' Settembru 2004 markati bhala dokument JC konsistenti f'mitejn hamsa w sebghin DVD u tmien DVD's pornografici jghaddu favur il-Gvern ta' Malta u tordna d-distruzzjoni taghhom mill-istess Spettur Joseph Cordina.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------